Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 59**
**Hamis 30 ta' Novembru**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Romina Galea :  Viċi Sindku
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

59.1.01 Is-segretarju Eżekuttiv qara l-ittri ta' apoloġija tas-sinjuri Charles Selvaġġi u Alfred Farrugia li talbu sabiex ikunu skużati.
Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

59.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-58 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

59.3.01 B'referenza ghall- minuti 57.3.01, Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Tournament tal-Futbol SEA-EU li ġie organizzat mill-Università ta' Malta flimkien mal-Kunsill Reġjonali tal-Lvant u l-Kunsill Lokali tal-Imsida fejn ferħet lill dawk li pparteċipaw fit- team Regjonali/Imsida li spiċċa rebbieh. Tkellmet ukoll dwar l-invit għaċ-ċerimonja tal-Għeluq tar-Regjun Ewropew għal -isport 2023 li se ssir fit-12 ta' Diċembru fejn fakkret lill kunsilliera preżenti sabiex dawk interessati jattendu jikkonfermaw kif mitlub sad- data indikata.

59.3.02 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għal minuti 56.4.08 dwar L.S.363.222, u tat risposta mingħand il-LESA li tinforma li minn kemm ilha fis-seħħ ħarġet ċitazzjoni waħda.

**59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

59.4.01 B'referenza għal-minuti 58.4.03, dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fl-attività tal-kunsill Lokali għal European Mobility Week 2023 li saret nhar il-Ġimgħa 22 ta'Settembru, is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-uffiċjal nkarigat bgħat appuntament għal 20 ta' Novembru li wara ġie pospost għal 4 ta' Diċembru.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar is-suġġett u poġġiet fuq il-mejda żewġt talbiet relatati għal danni bl-ewwel waħda minn kumpanija ta' trasport lokali li wasslulhom ilmenti uffiċjali mill-klijenti (3) rigward inċident li seħħ fid-data speċifikata. Għalhekk wara artiklu li deher fit- timesofmalta.com qed jitolbu kumpens li jammonta għal €670 minħabba li tilfu titjira tagħhom (FR6696, Tluq 19:55) għax it-trasport ma wasalx l-ajruport fil-ħin. Mal-ilment kien hemm mehmuż kopja tal-irċevuta tal-klijent mingħand Ryanair li tirrifletti ħlas ta' €300 għal titjira alternattiva fl-24/09/23 u nota bil-miktub minn The Burrows Guesthouse li tikkonferma ħlas ta' €370 għaż-żewġ ljieli li mhiex irċevuta fiskali. Għarrfet ukoll lill kunsilliera preżenti dwar il-kontenut tat-talba l-oħra li semmiet f'seduta preċedenti li din id-darba waslet minn avukat għan-nom tal- istess persuna li huwa sid karozza tal-għamla u mudell Opel Astra G bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO317. Fil-kontenut hemm spjegat li l-klient tiegħu kien wieħed minn hafna ta' persuni fid-data speċifikata li weħel fit-traffiku kkawżat mill-attività msemmija li l-Kunsill Lokali l-Imsida permezz tal- istess artiklu msemmi għamel apoloġija pubblika u assuma r-responsabbiltà għal-pjan tat-traffiku li falla milli jevita konġestjoni tat-traffiku għad-detriment tal-klijent tiegħu li fuq l-parir tal-mekkanik tal-fiduċja,wasal għal konklużjoni li l-ħsara li saret fil-clutch tal-karozza (€282.88 skont l-invoice li ġiet annessa), kienet ikkawżata unikament mill-fatt li weħel għal diversi sigħat fit-traffiku li sab fl-Imsida u l-inħawi tal-madwar. L- istess klijent jirribadixxi li l-karozza dejjem ġiet ggaraxxjata u tinżamm b'mod immakulat u għalhekk m'hemm l-ebda mod kif il-ħsara fil-clutch tista' tiġi imputata għal xi nuqqas tiegħu.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-kontenut taż-żewġt talbiet fejn ġiet nnotata li qed jinterpretaw l-artiklu li deher fit- timesofmalta.com, "Msida Mayor apologises over Ta' Xbiex traffic chaos" b'mod li mhux korrett għax ma' jingħad imkien fl-ebda paragrafu li l-Kunsill Lokali assuma uffiċjalment ir-responsabiltà anzi hemm miktub ċar " *the council is seeking answers from the authorities to understand how the situation developed as traffic management is not within its remit* ''.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li diġa għadda kollox lill avukat għar-risposti legali fejn aktar il'quddiem l-avukat li se jingħaqad f'seduta online dwar l-item fl-aġenda għall-emendi fil-Byelaw tal-Iskal, ikun jista' wkoll jagħti aktar dettalji dwar dawn.

59.4.02 B'referenza għal-minuti 58.4.05, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Infrastructure Malta reġgħet bdiet ix-xogħol go Triq ix-Xatt Ta 'Xbiex.
Is-Sur Emanuel Brincat żied jgħid li dan mistenni jkun lest sa' nofs Jannar 2024.

59.4.03 B'referenza għal minuti 58.4.06, Is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm x'iżviluppi dwar il-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris.
Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' nbidel xejn.

59.4.04 B'referenza għal minuti 58.4.09, Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-pulizija fil-komunità qed topera minn go uffiċju fil- Gzira għax l- uffiċju li kienu qed jużaw fil-bini amministrattiv tal- Kunsill Lokali L-Imsida kien żgħir.

59.4.05 B'referenza għal minuti 58.5.03, Is-sur Jean Claude Borg staqsa jekk kienx hemm xi dettalji dwar fondi li se jkunu allokati għal attivitajiet relatata mar- Reġjun tal-Kultura 2024.

Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li saret laqgħa t'introduzzjoni mal-persuna nkarigata mill-programm kulturali iżda sal-ġurnata għad m'hemm xejn definit. B'hekk għad ma' hemmx informazzjoni f'rigward ta' allokazzjoni ta' fondi mir-Regjun Lvant.

59.4.06 B'referenza għal-minuti 58.5.04, dwar dawl tal-milied (fairy lights) għas-siġar go Misraħ San Guzepp, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret l-applikazzjoni sabiex jintużaw il-fondi numru 4 għal proġetti b'kollaborazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant.

59.4.07 B'referenza għal minuti 55.5.10,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Enemalta waslet is-servizz mal-fanal ġdid go Triq L-Zamenhof

59.4.08 B'referenza għal minuti 58.5.12, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar iż-żbir tas-siġra msemmija ħdejn tal-boċċi.

59.4.09 B'referenza għal minuti 58.5.13, Is-sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li tabelli tat- traffiku li saru meta kien għaddej ix-xogħol go Triq Clarence ġew żarmati mil-kuntrattur iżda għad fadal x'affarijiet li għadhom ma' sarux bħal pedestrian crossing k/m ma' Triq il-Bacir.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa talab lill Perit tal-IM konċernat u anke bagħat kopja tal-approvazzjoni għal pedestrian crossing minn TM lura f'2017. Għalhekk se jerġa jibgħat komunikazzjoni fir-rigward biex din ssir mill-kuntrattur.

59.4.10 B'referenza għal minuti 58.5.15, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-kuntrattur flimkien mal-president u uffiċjal inkarigat fejn ġew diskussi nuqqasijiet relatati ma' servizz tal-ġbir ta' skart domestiku fosthom il-ħin li jibda is-servizz, il-hoarding, trakking u il-cameras installati mal-vetturi.

59.4.11 B'referenza għal minuti 58.5.16, Is-sur Maurice Agius staqsa jekk saritx verifika ma' Transport Malta dwar il-lista ta' residenti reġistrati ġol-Imsida b'parkeġġ għad- diżabilità'.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li verifika u poġġa fuq il-mejda kopja ta' risposta minn Transport Malta li fakkret dwar l-obbligi tal-GDPR għal hekk mhux permess li tingħata kopja tal-lista b'dettalji personali.

59.4.12 B'referenza għal minuti 58.5.17, Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar loading / unloading bay komunali go Misraħ il-Barrieri.
Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għad trid tivverifika filwaqt li Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret komunikazzjoni ma' Transport Malta biex jivverifikaw l-użu tal-loading / unloading bay go Upper Rue D'Argen.

59.4.13 B'referenza għal minuti 58.5.18, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li nhar It-Tnejn 27 ta' Novembru ngħata bidu bi prova mar-residenti tas-servizz l-Imsida shuttle madwar il-lokal.

**59.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

59.5.01 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar l-attività Rigal bi Mħabba. Hawn spjegat li din se tkun ir-raba sena fejn min jixtri xi rigali għal tfal jieħdu taħt is-siġar li se jitqassmu minn Ambjent Malta fil-kunsilli li mbagħad se jieħu ħsieb. Għalhekk qed tipproponi biex il-kunsill jipparteċipa bħal snin ta' qabel filwaqt li għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara l-perjodu tal-milied is-siġra tista' titħawwel f'post adegwat ġol lokal.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

59.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cir AKL 2023/102 dwar it-Trobbija tan-Naħla u l-wirt Nazzjonali tagħha li tittratta dwar Fondazzjoni għall-konservazzjoni tan-naħal Malti li ġiet mwaqqfa riċentement. Din qed tibgħat u titlob l-appoġġ tal-Kunsilli Lokali sabiex in-naħla Maltija tiġi meqjusa bħala insett Nazzjonali.
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

59.5.03 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba għal parteċipazzjoni ma' l-Għaqda Banda San Guzepp biex tieħu sehem waqt il-purċissjoni bil-bambin organizzata mill-MUSEUM (58.3.05) u wara jkun organizzat programm mużikali bejn il-kunsill u l-banda fuq iz-zuntier fl-24 ta' Diċembru li huwa stmat li jiswa €750.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba u qablu unanimament l-kunsill jieħu sehem fl-organizzazzjoni sa massimu €300.

59.5.04 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar attività proposta mil-iskola primarja L-Imsida (Sta Theresa) sabiex jiġi organizzat programm mużikali għall- istudenti fejn pproponiet li l-kunsill jipparteċipa billi jipprovdi għal seba' bandisti stmati għal € 210

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba u dwar in-numru ta' bandisti fejn qablu unanimament li l-kunsill jieħu sehem fl-organizzazzjoni sa massimu ta' €300.

59.5.05 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera prezenti li ġie offrut biex il-kunsill jissuġġerixxi xi siti flimkien ma pjanti u survey ta' zona sabiex ikun kunsidrati għal l-installazzjoni ta' numru ta' lampi solari. Għalhekk ġew proposti tlett siti li jinkludu ic-Ċirku tal-Imsida biex jikkumplimenta il-proġett tar-roundabout, it-taraġ bejn L-Imsida u Santa Venera minn Triq il-wied, fi Triq is-Swatar ma' central strip faċċata tal-bring in site.

is-segretarju Eżekuttiv spjega li fil-każ ta' Cirku tal-Imsida ġa hemm survey li sar minħabba l-proġett msemmi għalhekk se jivverifika mal-perit li jista' jintuża wkoll għal dan il-għan filwaqt li jekk ikun hemm qbil għaż-żewġt siti oħra rrid jordna survey għalihom.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew is-siti proposti u qablu unanimament

59.5.06 B'referenza għal-minuti 58.4.02, Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet suġġeriment tal- Kumissjoni Elettorali / DLG dwar Triq Patrick Holland sabiex il-parti ta' Triq il-Knisja li bħalissa tinsab fil-konfini tal-Imsida sa k/m Triq Guzeppi Gerada tiġi flimkien u tibda tifforma parti mill-konfini tal-kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex.

Is-sur Maurice Agius wieġeb li ma jaqbilx għax l-parti indikata hija ġol-Imsida u għanda tibqa hekk.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew dwar il-parti indikata u ir-residenzi li hemm fejn tal- opinjoni li għanda tibqa L-Imsida.

59.5.07 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-kumitat għat-Tismija tat-Toroq talab għal-proposti sabiex jingħata isem għal parti minn go Triq Misraħ il-Barrieri fejn ir-round about sa k/m Triq il-Franġiskani b'hekk ikun jista' jsir in-numerar tal-bibien. Għalhekk jekk hemm min għandu xi proposti jista' jgħaddihom għal kunsiderazzjoni.

Is-sur Maurice Agius tkellem dwar numru t'attività kummerċjali li hemm fil-parti msemmija li jista' jkun iridu jbiddlu il-materjal promozzjonali tagħhom.

Is-sur Emanuel Brincat issuġġerixxa li tintbagħat komunikazzjoni lir-residenti konċernati.

59.5.08 B'referenza għal-minuti 58.5.01, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġiet mqassma ittra għall-konsultazzjoni mar-residenti b'disinn tal-pjan għal immaniġġjar ta'traffiku propost go Triq Censu Farrugia.

Is-sindku spjegat li mill- kummenti li waslu kien hemm aktar oġġezzjoni mill approvazzjoni biss jidher ukoll illi l-maġġoranza mhux residenti f' Triq Censu Farrugia iżda fl-inħawi ta' mad-dawra. Hawn spjegat li meta tqies in-numru ta' risposti li waslu xorta jibqa' wieħed żgħir meta mqabbel ma' numru ta' residenti li hemm.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew l-interpretazzjoni għal li tgħid il-kommunikazzjoni "Jekk ma' tasal l-ebda oġġezzjoni jew ikun ċar li hemm aktar kunsens għal proposta sad-data indikata, ikun ifisser li hemm qbil ma' dan it-tibdil" fejn jibqa' ċertu dubju dwar min ma' għamilx kummenti jekk hux qed jaqbel mal-proposta jew le allura tqum il-mistoqsija jekk in-numru ta' risposti hux validu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb f'dan il-każ tista' tiġi kunsidrata li tissejjah laqgħa ta' konsultazzjoni jew inkella jikkunsidra alternattiva oħra fejn spjega li ftit xhur qabel ma reġgħet tqajmet il-proposta tal-One way kien staqsa u konsulta ma' Transport Malta dwar possibilità ta' pjan għal immaniġġjar ta' Traffiku minħabba sitwazzjoni ta' ħruġ perikoluż minn go Triq Censu Farrugia għal Misraħ il-Barrieri jew il-U-Turns minn triq għal oħra. Għalhekk kif ġa hemm proposti mill-awtorità, il-kunsill jista' jiddiskuti jekk dawn għandhomx jiġu mplimentata bi prova jekk tittieħed id-deċiżjoni li Triq Censu Farrugia se tibqa kif hi.

Is-sur Emanuel Brincat spjega il-proposti li għamlet Transport Malta fejn saret diskussjoni u qbil li Triq tibqa kif hi fil-preżent filwaqt li jiġi mplimentat immaniġġjar ta'Traffiku minn Triq Censu Farrugia ma' Misraħ il-Barrieri

59.5.09 B'referenza għal minuti 58.5.19 dwar il-Bye Law tal-Iskal li kienet item fl-aġenda, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-avukat tal-kunsill qiegħed online lest biex jinghaqad mas- seduta. Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar numru ta' emendi diskussi f'seduti preċedenti u staqsiet f'hiex waslu. Fl-istess ħin, b'referenza għal-minuti 58.4.08, staqsiet jekk kienx hemm affarijiet oħra f'rigward ta' passi legali mis-sid li ħassu aggravat bid-decizjoni tal-kunsill u l-penali imposta minħabba li żamm id-dgħajsa tiegħu li għal bosta ġimgħat fuq l-iskall aktar milli kien permess.

L-avukat wieġeb li sal-ġurnata għadu ma kienx hemm aktar komunikazzjoni mill-avukat tas-sid id-dgħajsa msemmija iżda ma jistax jgħid jekk din hiex konkluża jew le minħabba li l-Bye Law tistabbilixxi li azzjoni legali li twassal għal penali tiġi deċiża minn tribunal. Għalhekk qed ikun propost emenda fil-bye law li tinbidel il-kelma penali ma' multa amministrattiva b'hekk il-Kunsill Lokali jkun jista' jaġixxi b'mod dirett u jiffaċilita l-amministrazzjoni tal-istess Bye Law fejn ikun hemm abbużi. F'rigward tal-emendi l-oħra dawn huma ġa fi draft b'hekk kull ma' fadal hija l-emenda deskritta sabiex il-kunsill ikun jista' jmexxi mad- Dipartiment għal- Gvern Lokali biex tkun approvata mill-ministru.

Is-sur Emanuel Brincat ippropona li id-draft bl-emendi jintbagħat bil-quddiem lill kunsilliera biex possibbilment tittieħed deċiżjoni finali u jkun konkluż f'seduta fil-qrib.

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill avukat jibqa' online u għamel referenza għat talbiet għal danni msemmija fil-minuti 59.4.01 fejn staqsa għal spjega dwar ir-risposti legali rispettivi.

L-avukat wieġeb li f'risposti saret referenza għal dak li kien hemm miktub fl-artiklu fejn ġie spjegat li hemm miktub ċar li l-Kunsill qed jivverifika dwar l-immaniġġjar tat-traffiku li ma' kienx f' responsabiltà tiegħu. Saret ukoll referenza għal l-avviż ppublikat mill- pulizija fuq il-gazzetta tal-gvern li Triq msemmija kienet se tkun magħluqa b'hekk ma tistax tgħid li kien hemm xi nuqqas mill-Kunsill Lokali. Barra minn hekk hemm affarijiet oħra li trid tarahom fil-kuntest ta' x'kien hemm miktub fit-talba li saret f'rigward ta' raġunijiet li waslu għal ħsara fil-clutch ta' vettura li kienet hemm maqbuda fit- traffiku.

59.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet sabiex ssir Dog Bin ħdejn il-Museum tal-bniet go Triq il-Wied tal-Imsida filwaqt li Sur Nicholas J. Chircop staqsa sabiex ssir wieħed go Triq il-Karozzin.

59.5.11 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar applikazzjoni tal-kontroll tal-ippjanar numru PC 0013/17, f'rigward tal-proposta biex jiġu stabbiliti t-tqassim f'żoni, l-għoli tal-bini u l-allinjament tat-toroq u l-bini għas-sit ta' razzjonalizzazzjoni ta' fuq il-wied, is-Swatar, l-Imsida. Hawn spjega li f' 2017 il-Kunsill Lokali kien għamel oġġezzjoni minħabba li l-post indikat huwa l-unika arja li baqa' ħadra u li hija viċin ta' fejn għaddej żvilupp minn Ambjent Malta relatat mal-afforestazzjoni taz-zona. Aktar minn hekk it-telf tar- raba fiz-zona se tikkontribwixxi għal aktar problemi tal- għargħar ġo Triq il- Wied tal-Imsida. Spjega wkoll li huwa b'mod personali kif ukoll is-segretarju Eżekuttiv diġa kitbu li se ssir oġġezzjoni, fejn il-perit tal-kunsill ġie inkarigat jagħmel draft biex jiġi sottomess b'mod uffiċjali sal- 15 ta' Jannar. Għalhekk qed jipproponi biex il-kunsill jibgħat komunikazzjoni lir-residenti tas- Swatar konċernati fiz-zona sabiex ssir ukoll petizzjoni.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

59.5.12 B'referenza għal minuti 50.5.04 f'rigward ta' set ta' vari tal-Ġimgħa Kbira, is-sur Jean Claude Borg, għarraf lill kunsilliera preżenti li waslu l-aħħar bradelli li kien hemm ordnati u fadal biss li tasal il-vara tal-mejjet.

59.5.13 B'referenza għal minuti 41.5.04, Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-ftehim ma' kumpanija kummerċjali biex tipprovdi servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PC b'xejn għar-residenti tal-lokal. Fejn spjega li ħa' laptop tiegħu u kien sodisfatt ħafna b' l-affarijiet li għamillu għax ġabu qiesu ġdid u staqsa jekk dan il-ftehim hux se jiġġedded għax milli jinsab infurmat dan skada fil-31 ta' Ottubru.

Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li suppost kull-individwu li kien nteressat seta' jibbenefika billi l-ewwel japplika mal-kunsill u jekk dan ikun resident eliġibbli għas-servizz jinħareġ vawċer mill-kunsill b'hekk ikun hemm rendikont ta' kemm kien hemm residenti li għamlu użu minn dan is-servizz mingħajr ħlas. Skond il-kumpanija kienu 276 persuna li ppreżentaw karta tal-identità tal-Imsida valida filwaqt li mill-kunsill inħarrġu biss 9 vouchers. Hawn spjegat li tista' tifhem li jkun hemm minn mar dirett iżda d-differenza fin-numri tqanqal ftit dubju apparti li meta mitluba jgħaddu lista ta' residenti li għalihom ħallas il-kunsill, skond l-iskema miftehma dan ma' kienx possibbli għax naqsu milli jieħdu d-dettalji, ghalhekk riedet tressaqha ghal-approvazzjoni tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar il-proposta dwar kif dan is-servizz jista' jkun immaniġġjat u biex jsiru verifiki doppji li tagħhom is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota filwaqt li spjega kif il-kumpanija setgħet faċilment tagħmel dan mal-ewwel billi tieħu dettalji tar- resident mingħajr obbligu fuq GDPR għax lilu jkun spjegat minn qabel li l-dettalji tiegħu se jinghataw lill kunsill Lokali li qed iħallas l-iskema.

59.5.14 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar laqgħa fil-bidu ta' Novembru ma' rappreżentat ta' żviluppaturi tal-bini residenzjali li se jsir minflok mħażen kummerċjali go Triq it-Torri li jinfed fuq wara go Triq Box Box li għalija kien hemm preżenti wkoll is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Fil-laqgħa ġie diskuss, il-possibilità li l-iżviluppaturi jiffinanzjaw proġett wieħed li jikkonsisti f' 6 bins taħt l-art qrib il-proġett attwali (Traffic Island f'Triq L Zahmenhoff). Hawn spjega li mhux possibbli li jsiru fil post propost minħabba is-servizzi li għaddejja minn hemm apparti li din hija ukoll art pubblika għalhekk għanda tkun issuġġerita zona alternattiva possibbilment inkorporata ma' dan il-proġett privat.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu dwar alternattiva go l-istess proġett

59.5.15 Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għalqet is-sejħa għal Tender Klmsd / Tdr / 05 / 2023 for The Professional Services Of A Contracts Manager Including the Management / Supervision Of General Routine Non-Contractual Upkeep Works Within The L-Imsida Local Council. Għal din kien hemm 4 operaturi ekonomiċi li tefgħu l-offerta tagħhom għalhekk fil ġranet li ġejjin se jiġi mgħajjat il-bord sabiex jekk possibbli ssir l-evalwazzjoni tagħhom qabel il-festi tal-Milied.

59.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar programm ta' ħidma għal din il-leġislatura li kien imfassal u preżentat waqt laqgħa pubblika f'Settembru 2019 u imġedded jew emendat f' Diċembru ta' kull sena. Hawn għamel referenza għal artiklu 70 tal-att dwar il-Gvern Lokali fejn fakkar li l-kunsill għandu jsejjaħ laqgħa pubblika annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill- 15 ta' Diċembru. Għalhekk talab lill kunsilliera preżenti biex jikkonfermaw id-data sabiex jfassal il-programm ta' ħidma għas-sena 2024 bil-proposti jew tiġdid jew l-emendi diskussi u approvati matul is-sena kurrenti.

Il-kunsilliera ddiskutew u qablu li din għanda ssir nhar il-Ħamis 14 ta 'Diċembru filwaqt li s-sur Maurice Agius talab li jkun skużat għax fil-ġurnata mhux se jkun jista' jattendi. Ġie deċiż ukoll li fl-Istess ġurnata wara li tispiċċa l-laqgħa pubblika ssir is-seduta tal-kunsill u aktar tard il-bibita għal għaqdiet lokali.

Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li minħabba il-volum ta' xogħol u impenji oħra li hemm fil- mument mhux se jkun possibbli li fl-14 ta' Diċembru jippreżenta l-minuti ta' din is-seduta għalhekk dawn se jkunu preżentati fl-ewwel seduta ta' Jannar.

**59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

59.6.01 B'referenza 57.5.03 is-segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni għas-sejħa ta' tender Klmsd /Tdr/01/2023 Services– For A Professional Accountant for The L-Imsida Local Council. Hawn spjega li minn 6 offerti finanzjarja ghall ammont (€10,920, €15,265, €15,485, €18,310, €18,350, €48,045) 5 ma' kienux skond il-kriterji mitluba minħabba li kien hemm wieħed li ssottometta l-profil u kopja tal-mandat biss filwaqt li 4 oħra ma kellhom l-ebda dokument ieħor. Skond id-dokument ta' sejħa, Artikolu 5 fl-ewwel taqsima jgħid li "Biex jitqiesu eliġibbli għall-għoti tal-kuntratt, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu evidenza li jissodisfaw jew jaqbżu ċerti kriterji minimi" deskritti f'A-C, filwaqt li (C i) tirreferi għal-"Offerta Teknika tal-offerent bi tweġiba għall-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi sottomessa online permezz tal-format preskritt tar-rispons għall-offerti billi tintuża l-għodda għall-preparazzjoni tal-offerti pprovduta (Nota 3). Għal dan hemm referenza wkoll got -Tieni taqsima f' Artikolu 2.5 li jirreferi għall-kuntratt li huwa magħmul minn lista ta' dokumenti definiti li jinkludu wkoll "(e) l-offerta teknika li ġiet preżentata minn offerent wieħed biss (€18,310) li għalkemm mhux l-irħas tissodisfa il-kriterji kollha mitluba.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament

59.6.02 B'referenza 57.5.03, is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni għas-sejħa ta' tender Klmsd / Tdr/ 02 / 2023 For The Professional Services Of An Architect For The L-Imsida Local Council. Hawn spjega li offerti għal ammont ( €17,260, €16,338.7, €5,454, €4970 ) tal- 4 operaturi ekonomiċi kienu skond il-kriterji mitluba fejn ġiet magħżula l-orħos offerta finanzjarja bażata fuq it-tariffi ( €4970 ).
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament

**59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

59.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-59 ta' ħlasijiet bejn l-1 ta' Novembru u 30 ta' Novembru 2023.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Nicholas J. Chircop.

**59.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

59.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 07:10 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun il-Hamis 14 ta' Diċembru wara il-laqgħa pubblika li tibda fil-5:00 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 16 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |